MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 465/2008

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi permezz ta' sentenza datata 29 ta' Mejju 2008 (rikors guramentat numru 443/2007 NC) (Dokument "A"), dina l-Onorabbli Qorti, fuq talba tal-istess esponent, iddikjarat lill-esponent bhala l-missier naturali u biologiku tal-minuri E B u l-Qorti ordnat il-korrezzjoni tal-att tat-twelid tat-tifel jigi korrett fis-sens li l-kliem 'unknown father' jigu kancellati u sostitwiti b'isem l-esponent u l-konnotati tieghu;

Illi l-minuri E, imwieled fl-10 ta' Jannar 2004 (skond l-anness certifikat tat-twelid tal-minuri markat Dokument "B"), twieled minn relazzjoni li l-partijiet kellhom, liema relazzjoni damet ghal hames snin;

Illi minkejja l-paternita' biologika tal-minuri giet konfermata bla dubju meta l-esponent u l-intimata issottomettew ruhhom ghat-testijiet tad-DNA kif ukoll wara li giet moghtija s-sentenza fuq indikata, l-intimata ghal ebda raguni izda purament b'pika bdiet iccahhad lill-esponent milli jara lil ibnu;

Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta' Lulju 2008 (Dokument "C"), l-esponenti nghata fakulta' ta' access ghal ibnu pendente lite filwaqt li l-kura u l-kustodja tal-minuri baqghet de facto kongunta bejn il-partijiet, in kwantu ma nghatax digriet li jafda l-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f'parti wahda;

Illi sabiex tigi sabbilita relazzjoni stabbli mal-esponent, jinhtieg illi l-esponent jigi akkordat access ampju, liberu u adegwat ghal ibnu minuri E;

Illi permezz ta' digriet numru 1172/08 datat 15 ta' Ottubru 2008 moghti fl-atti tal-ittra numru 620/08, il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja awtorizzat lill-attrici tipprocedi bic-citazzjoni peress li m'huwiex kaz ta' medjazzjoni;

Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra mehtiega:-

Tafda l-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri konguntivament bejn il-partijiet;

Takkorda dritt ta' access liberu, ampju u adegwat lill-esponent ghall-imsemmi ibnu minuri E B;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C D fejn din eccepiet:

Il-kura u kustodja ghandha tkun fdata f'idejn l-omm filwaqt illi patriapotestata tkun kongunta.

Illi ghall-gid tal-minuri huwa importanti li l-access ikun stabbilit kif fil-fatt qieghed u cioe' darbtejn fil-gimgha.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-affidavit prodotti mir-rikorrent.

Rat li, ghalkemm inghatat diversi opportunitajiet biex taghmel dan, l-intimata ghazlet li ma tressaq ebda prova, lanqas affidavit taghha stess.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, A B qed jitlob li l-kura u kustodja ta' ibnu E B tkun kongunta bejnu u omm il-minuri, cioe' C D filwaqt li jitlob ukoll lill-Qorti takkordalu access liberu ghal ibnu.

Il-Qorti tqis li, mill-provi prodotti, jidher illi dan huwa kaz li, sfortunatament tara hafna minnhom din il-Qorti, fejn omm ta' minuri taghmel minn kollox biex tipprova ccahhad lil binha mill-prezenza f'hajtu tal-istess missieru. L-iter beda meta kellha tkun decizjoni gudizzjarja li twassal ghar-rikonoxximent tal-missier fuq l-att ta' twelid tat-tarbija.

Sussegwentement, kellhom ikunu d-diversi digrieti ta' din il-Qorti li taw garanzija lill-missier li jippartecipa b'mod s'issa pjuttost limitat fil-hajja ta' ibnu. Il-Qorti ma tistax ma tregix ix-xewqa tal-missier li jagixxi ta' tali. Il-minuri E ghandu dritt ghall-prezenza ta' missieru b'hajtu daqs kemm l-istess missier ghandu dritt ghall-prezenza ta' ibnu.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talbiet tal-attur fis-sens illi l-kura u kustodja tal-minuri E B ghandha tkun kongunta bejn il-genituri b'dana illi r-residenza tal-minuri tkun mal-omm. Il-Qorti tordna ukoll illi l-missier ghandu jkollu access ghall-minuri kull

nhar ta' Erbgha mill-5.00pm sas-7.00pm, u alternattivament nhar ta' Sibt jew nhar ta' Hadd mill-10.00am sal-4.00pm. Il-Qorti takkorda lill-missier id-dritt li jikkomunika mal-minuri darba kuljum permezz tat-telefon. Il-Qorti tordna ukoll illi jekk jinqala l-kaz li, ghal xi raguni tkun liema tkun, l-access ma jkunx jista' jigi ezercitat fil-gurnata ordnata, dan ghandu jigi ezercitat fil-jum sussegwenti. Jekk ma jkunx jista' jigi ezercitat access f'wahda mill-granet ta' tmiem il-gimgha, jigi ezercitat ghaz-zewg granet konsekuttivi ta' tmiem il-gimgha li jmiss. Il-minuri ghandu jqatta' jum il-missier mal-missier u jum l-omm mal-omm. F'gheluq snin il-minuri, il-minuri ghandu jqatta' saghtejn mal-missier b'zieda ma' kull access iehor.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------